KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/57/194/11

**Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru.57**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 5 ta' April 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli w il-Kunsillier Lynch. Il-Vici-Sindku Alfred Borg w il-Kunsillier Ferris kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru 55 u Laqgha Urgenti Nru 56**

**1.1** - Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri tal-Kunsill nem.com.

2) **Tender Triq l-Arkata**

**2.1** – Il-Kunsill iddiskuta tender No 02/11. Wara diskussjoni sar qbil li tintaghzel l-unika offerta, dik ta' l-Asfaltar Ltd minhabba li din hija wahda ragjonevoli. Is-segretarju f' l-istess hin qara l-ittra li l-Perit Sandra Magro minn Asfaltar Construction Ltd baghtet dwar it-Tender No 02/11 *for Additional Pavement and Road Works on Arcade Street*, Paola fejn qed tinforma li l-kumpanija qed toffri 10% discount lill-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

**2.2** - Is-Segretarju qal li l-Perit tal-Kunsill ccertifika Euro 17,500 u li l-Kunsill huwa safe li jhallas dan l-ammont. Huwa kompla jghid li xoghol sar hafna izjed minn hekk.

**2.3** - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn gew approvati mill-membri tal-Kunsill.

**2.4 - Re cekk nru 3604 u cekk nru 3605 tas-Sur Wilson Mifsud** - Il-Kunsillier Dalli staqsa fuq dawn il-pagamenti.

**2.5** - Is-Segretarju qal li s-Sur Mifsud irid jibghatilna l-bid-bond, minhabba li suppost kif tiehu t-tender fi zmien 7 t'ijiem tkun trid tibghat it-tender guarantee.

**2.6 - Re cekk nru 3603 u cekk nru 3622 ta' Sound Generation** - Il-Kunsillier Lynch staqsa fuq dawn il-pagamenti. Is-Segretarju qal li dan il-pagamenti huma ta' meta nkriet l-PA System fil-Party tal-Milied ghall-Anzjani u tad-Delegazzjoni Taljana.

**2.7** - Il-Kunsillier Dalli talab lis-Segretarju biex fl-laqgha ohra tal-Kunsill jghid x'inhi s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

**2.8** - Saret diskussjoni dwar fondi ghall-ammont ta' €30,290 li l-Kunsill jista' jiehu minghand l-MEPA biex jigu rrangati xi toroq. Sar qbil li l-Kunsill japplika ghal dawn il-fondi.

**2.9** - Il-Kunsillier Seychell ressaq quotation ta' Nexos Street Lighting Ltd biex isiru l-belisha lights taz-zebra crossing fi Triq Haz-Zabbar fejn il-gallarija Complex ghall-ammont ta' Euro 2,303.79. Il-Memri tal-Kunsill approvaw.

**2.10** - Il-Kunsillier Borg Myatt dahal ghal-Laqgha fis-6.20pm.

**2.11** - Il-Kunsillier Borg Myatt staqsa dwar fiex waslet is-sitwazzjoni ta' l-inventarju ta' l-istatwi li ghandna fil-lokal ta' Paola.

**2.12** - Is-Segretarju qal li l-persuna li giet inkarigata minn dan l-inventarju qed tahdem dwar dan ix- xoghol.

**2.13** - Saret diskussjoni dwar l-exhibition li ser issir fi Pjazza Antoine de Paule dwar il-progett Repair – Paola Action Plan li ser issir taht it-tinda minn nhar it-Tnejn 18 ta' April 2011 sa nhar il-Hamis 21 ta' April 2011. F'din l-exhibition, ser jintwerew 3 pjanti ghad-disposizzjoni tal-pubbliku. Il-pubbliku ser ikun jista' jivvota ghal-liema pjanta jixtieq hu.

**2.14** - Is-Sindku talab permess mill-Kunsill biex iressaq proposta rigward ingagg ta' persuna biex tiehu hsieb il-PR tal-Kunsill u li dan irid isir b' mod urgenti sabiex jibda propju b'din l-esibizjoni.Il-Kunsill qabel ma' dan.

**2.15** - Is-Sindku kompla billi qal li huwa jaf persuna addatata ghal dan ix-xoghol li hija s-Sur Jonathan Attard li ghal prezz ta' €1,100 lest li jiehu hsieb il PR sa Marzu 2012. Dan ix-xoghol jista' jinghata b' direct order bil-permess tal Kunsill.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.16** - Is-Segretarju ressaq quotation ta' Sky Telecom biex tinbidel is-sistema tat-telefon u biex isiru telefons godda tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

3) **Aggornament**

3.1 – Il-Laqgha giet maghluqa fis-6.30pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 26 ta' April 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 26/04/11

Kevin Borg
Segretarju

Dominic Grima
Sindku